

Brussell, 27 ta' April 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0381 (COD)

8213/18
ADD 1

CODEC 604
ENER 123
ENV 242
TRANS 159
ECOFIN 348
RECH 144
IA 106

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Abbozz ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda
Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u d-
Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza tal-enerġija (**l-ewwel qari**)
- Adozzjoni tal-att leġislattiv
- Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mill-Iżvezja

Il-bini jaqdi rwol dejjem aktar importanti fis-sistema tal-enerġija u l-Iżvezja kienet ġeneralment favur reviżjoni tad-Direttiva dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija biex il-bini jiġi integrat fis-sistema tal-enerġija b'kondizzjonijiet ibbażati fuq is-suq. Fil-fehma tagħna, il-vetturi elettriċi għandhom ikunu investiment sikur u l-ostakli għall-użu ta' vetturi elettriċi għandhom jitneħħew, pereżempju permezz ta' espansjoni tal-infrastruttura tal-iċċarġjar.

Madankollu, il-kompromess mal-Parlament Ewropew fl-Artikolu 8 2a li jeħtieġ l-istallazzjoni ta' għadd minimu ta' punti tal-iċċarġjar sal-1 ta' Jannar 2025 jirriskja jsir għoli ħafna, filwaqt li mhux iktar kif il-ħtieġa tikkontribwixxi għal għanijiet stabbiliti jew twassal għal benefiċċji oħra. L-Iżvezja tiegħu nota li d-dispożizzjoni twessgħet konsiderevolment, mhux biss għal binjiet ġodda u mhux residenzjali li jkun qed issirillhom rinnovazzjoni estensiva b'aktar minn għoxrin spazji ta' parkeġġ, iżda għall-binjiet kollha mhux residenzjali b'halhom. L-Iżvezja jiddispijaċiha ħafna li din id-dispożizzjoni għet inkluża mingħajr ma kienet permessa valutazzjoni tal-impatt tal-kostijiet u l-benefiċċji.

Dikjarazzjoni mill-Ġermanja

Dwar l-Artikolu 10(6a) għdid:

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10(6a) l-għdid ma jimponu l-ebda obbligu li jiġu stabbiliti bażijiet ta' data għal ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija. Dan ifisser li l-bażijiet ta' data huma volontarji. Dan huwa konfermat mill-premessa 34.

Dwar l-Anness I Nru 2

Rigward l-enerġija fornuta permezz tal-portatur tal-enerġija (sorsi ta' enerġija imbiegħda), meta jikkalkulaw il-fatturi tal-enerġija primarja, l-Istati Membri jistgħu jqisu sorsi rinnovabbli b'tali mod li s-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-grilja nazzjonali kollha (enerġija mħallta) jittieħed bħala bażi. Rigward l-enerġija ġenerata u kkunsmata fil-post jew fil-viċinanza, l-Istati Membri jistgħu jivvalutaw is-sorsi tal-enerġija rinnovabbli individwalment meta jikkalkulaw il-fatturi tal-enerġija primarja għall-portaturi tal-enerġija.

Dikjarazzjoni mil-Lussemburgu

Il-Lussemburgu jilqa' l-ftehim dwar id-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija. Madankollu, il-Lussemburgu jqis l-istallazzjoni ta' punti tal-iċċarġjar għal karozzi elettriċi bħala prekondizzjoni għall-iżvilupp ta' dan is-settur. Għaldaqstant il-Lussemburgu jiddispijaċih ħafna għan-nuqqas ta' ambizzjoni ġenerali dwar il-punti tal-iċċarġjar għal karozzi elettriċi f'binjiet eżistenti u ġodda, pubbliċi kif ukoll privati, fit-test finali tad-direttiva.

Dikjarazzjoni mill-Kroazja

Ir-Repubblika tal-Kroazja ġeneralment tappoġġa l-oġġettivi tad-Direttiva riveduta dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, il-viżjoni tad-dekarbonizzazzjoni tal-bini sal-2050, u ż-żieda fl-użu ta' teknoloġiji intelliġenti fl-istokk tal-bini tal-UE, flimkien mal-integrazzjoni tal-iżvilupp teknoloġiku u l-appoġġ tal-promozzjoni tal-elettromobbiltà.

Madankollu, ma nistgħux nappoġġaw id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 14 (4) u l-Artikolu 15 (4) dwar l-istallazzjoni tal-awtomatizzazzjoni tal-bini u ta' sistemi ta' kontroll għall-binjiet mhux residenzjali kollha sal-2025. Nemmnu bis-sħiħ li din għandha tkun limitata biss għal bini mhux residenzjali ġdid u bini mhux residenzjali li jkun qed issirlu rinnovazzjoni estensiva b'output nominali ta' tisħin effettiv ta' aktar minn 290 kW għal sistemi ta' tisħin jew sistemi għal tisħin u ventilazzjoni tal-ispazju kkombinat, kif ukoll bini mhux residenzjali ġdid u bini mhux residenzjali li jkun qed issirlu rinnovazzjoni estensiva b'output nominali effettiv ta' aktar minn 290 kW għal sistemi tal-arja kondizzjonata jew sistemi tal-arja kondizzjonata u l-ventilazzjoni kkombinati, fejn ikun teknikament u ekonomikament fattibbli.

Il-Kroazja jiddispjaċiha ħafna li d-dispożizzjonijiet msemmija hawn fuq ġew inklużi mingħajr ma ttejed kont tal-livell ottimali ta' ambizzjoni, l-istat tal-ekonomija u l-livelli differenti tal-iżvilupp teknoloġiku fl-Istati Membri. Għaldaqstant, il-Kroazja ser tastjeni f'dak li għandu x'jaqsam mal-adozzjoni tad-Direttiva riveduta dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija.